MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 852/2004

**Maltacom p.l.c**

**vs**

**Darren Agius**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-20 ta’ April 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta’ mija u disgha u tletin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm139.12) liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni ma’ servzz telefoniku li jgib in-numru 21323711 (CN 1031628 a/c 10114483) liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali 11, Triq l-Imrabat, Sliema skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenut u skond kuntratt u prospett (Dok. ‘A’ u ‘B’).

Bl-ispejjes u bl-imghax, kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut ghalkemm debitament notifikat naqas milli jidher u milli jipprezenta Risposta.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr. Keith Grech in rappresentanza tas-socjeta’ attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ghaldaqstant a tenur tal-Artikolu 13(b) tal-Kap. 380 u peress li t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mija u disgha u tletin lira Maltin u tnax il-centezmu (Lm139.12), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------